# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Lulju, 2017**

**Talba Nru: 110/2017PM**

**Pauline Harkins**
**(K.I. 392659(M))**

**Vs**

**St. Catherine Caterers Limited (C67106)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Marzu, elfejn u sbatax (2017) illi s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' erbat elef, tmien mija u sebghin Ewro u tmienja u tletin centezmi (€4870.38) konsistenti f'paga dovuta lill-istess attrici u li baqghet ma thallsitx lilha mis-socjeta' intimata bl-ispejjez tal-proceduri odjerni u kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta' intimata.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba u cioe` rendikont tal-paga dovuta lill-attrici mis-socjeta’ intimata (Dok. PH1), kopja ta’ ittra ufficjali interpellatorja datata 2 ta’ Frar, 2017 (Dok. PH2) u certifikat mahrug minn Jobsplus fir-rigward tal-impjieg tal-attrici (Dok. PH3).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, din ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi lanqas wara li bejn il-partijiet baqa’ ma ntlahaq ebda ftehim.

Ra l-affidavit tal-attrici ezebit a fol. 12 et. seq tal-process.

Ra li l-avukat difensur tal-attrici iddikjara li m’ghandux aktar provi fis-seduta tat-23 ta’ Mejju, 2017.

Ra li permezz ta’ rikors datat 15 ta’ Gunju, 2017 l-avukata patrocinanti tas-socjeta’ intimata talbet differiment liema talba giet akkolta b’dana li l-kawza baqghet differita ghall-ahhar darba ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet ghat-28 ta’ Gunju, 2017.

Ra li lanqas ma deher hadd in rapprezentanza tal-istess socjeta` intimata fis-seduta tat-28 ta’ Gunju, 2017.

Ra li waqt l-istess seduta datata 28 ta’ Gunju, 2017 il-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghall-ghoti tas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata is-socjeta’ intimata naqset milli tipprezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta, dan minkejja li ma nlahaq ebda ftehim bonarju bejn il-partijiet lanqas waqt il-mori tal-istess kawza.

Illi permezz tax-xhieda taghha l-attrici essenzjalment tikkonferma bil-gurament taghha li hija kienet tahdem fi hdan is-socjeta’ intimata mit-30 ta’ Mejju, 2016 bir-rata ta’

€7.50 fis-siegha. Baqghet hekk impjegata b'mod ufficjali sal-31 t'Ottubru, 2016 imma regghet dahlet tahdem sabiex tghin lis-socjeta' intimata fl-organizzazzjoni tal-Weddings Fair 2017. Hi tghid ukoll li fl-istess okkazzjoni hadet ukoll lit-tifla taghha sabiex tghin fix-xoghol ghalkemm dan minghajr xi pretensjoni ta' hlas. Hija tiggustifika l-pacenzja taghha fir-rigward tal-mankati pagamenti da parti tas-socjeta' intimata b'referenza ghall-fatt li kien hemm impjegati li mardu u ohrajn li ddecidew li jitilqu mix-xoghol. Hija tammetti li s-socjeta' intimata kienet thallasha b'mod irregolari permezz ta' cekkijiet li jhallsu l-hwienet jew klijenti taghhom jew inkella permezz ta' flus kontanti. Madanakollu, wara l-Weddings Fair, hija qatt izjed ma rceviet hlas b'tali mod li l-ammont bilancjali dovut lilha huwa dak ta' €4870.38 inkluz is-somma ta' €345 ghall-gimgha xoghol fl-istess Weddings Fair. Hija giet kostretta tipprocedi permezz tal-kawza odjerna peress illi, meta bdiet iccempel ghall-hlas dovut lilha, ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata beda jghajjarha u jkellimha hazin.

Illi fir-rigward tal-ammont mitlub, dan jinsab konfermat ukoll mir-rendikont ezebit a fol. 4 tal-process.

Illi ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija sodisfacentement ippruvata salv li ma giet prezentata ebda prova fir-rigward tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tal-attrici limitatament fis-sens illi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess attrici is-somma mitluba ta' erbat elef, tmin mija u sebghin euro u tmienja u tletin centezmi (€4870.38) konsistenti f'paga dovuta lilha u li baqghet ma thallsitx bl-ispejjez tal-kawza odjerna u bl-imghaxijiet bir-rata legali kif mitlub kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**